# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1970

# L-AKKADEMJA U L-ILSIEN MALTI FIL-KNEJJES

*Daż-żmien skond il-liturġija l-ġdida li seħħet wara l-Konċilju Vatikan II, il-qari u l-kant tal-quddiesa f'dawn il-Gżejjer tagħna, qegħdin isiru bil-Malti li hu l-ilsien tal-poplu. Dan sar biex il-fidili jifhmu aħjar u jieħdu sehem aktar sħiħ fis-sagrifiċċju mqaddes.*

*Għax il-Konċilju xtaq u amar li biex il-quddiesa tisfa' aktar ta' gid spiritwali għandha titqaddes hekk li kull min ikun jismagħha mhux biss jifhem il-kliem imqaddes imma jtenni t-talb u jwieġeb liċ-ċelebrant, kif ukoll ikanta tifħir u salmi b'ilsien li jitkellem hu. Għax jekk iċ-ċelebrazzjoni ssir b'ilsien barrani, mhux biss ma jinftihemx mill-fidili, iżda dawn jibqgħu bierda, b'moħħhom jix-xiegħel fi ħwejjeġ profani, jibdew ipaċpċu ma' oħrajn ħdejhom u għandhom mnejn ukoll jibdew jonogħsu!*

*Fl-imgħoddi ħafna minn dawk li jisimgħu l-quddiesa kienu jħarsu biss jew biex ma jibqgħux siekta, kienu jqassdu r-rużarju jew igħidu talb b'leħen għoli, u allura kienu jqajmu ħamba tant kbira li kienet tfixkel mhux ftit il-ġabra u l-qima li tixraq fid-Dar t'Alla.*

*Il-lum il-poplu dara jisma' l-quddies u jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja bl-ilsien tiegħu, u s-sehem li jieħu hu ta' siwi u fejda wisq akbar u għażiż minn qabel. Minn daqshekk nistgħu nistqarru li l-Akkademja tagħna kellha sehem mhux żgħir fil-għamla l-ġdida taċ-ċerimonji reliġjużi ta' pajjiżna. Difatti wieħed jista' jgħid li kienu l-Membri Akkademiċi li l-aktar li ħabirku biex jidħol l-ilsien Malti fil-quddiesa. Kemm il-President ta' l-Akkademja kif ukoll is-Segretarju kienu mdaħħlin fil-Kummissjoni Liturġika li kien ħatar l-Arċisqof għad-dħul tal-Malti fil-funzjonijiet tal-knisja.*

*Dan it-tħabrik għall-Malti kien ilu sejjer minn żmien twil. L-ewwel President tal-"Għaqda" tagħna, il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi kien qaleb għall-Malti l-"Evanġelju" u l-"Ittri ta' l-Appostli" u kien ħareġ ukoll "Il-Ktieb tal-Quddiesa" f'ilsienna, b'hekk hu kien fetaħ it-triq għall-Malti fil-liturġija. Warajh Membri*

*Akkademiċi ssoktaw il-ħidma li kien wettaq l-ewwel President.*

*Il-Professur Monsinjur P.P. Saydon qaleb għall-Malti l-Bibbja kollha; il-Professur Patri Serafin Zarb kiteb kif l-ilsien Malti jista' jaqdi fiċ-ċerimonji tal-knisja; il-Professur Patri A. Tabone nqeda wkoll b'ilsienna fil-kitba reliġjuża tiegħu, hekk ukoll għamlu Patri Galea u Patri Dijonisju Mintoff. Il-Professur Dun Karm Sant u l-Patri Valentin Barbara ħadmu mhux ftit biex inkitbu t-testi għall-missal bil-Malti.*

*Il-kant għażiż u ħlejju għal waqt il-quddiesa, kif ukoll għal funzjonijiet oħra, wieħed jista' jgħid li nkiteb kollu minn Membri Akkademiċi bħalma huma Dun Karm, Patri Ġ. Delia, Dun Frans Camilleri u oħrajn.*

*Hekk bis-saħħa tal-Membri Akkademiċi l-poplu Malti jista' jimxi vers vers mal-qassis waqt il-quddiesa u jissieħeb mal-Ministri t'Alla f'dak is-Sagrifiċċju ta' Fidwa. Dan hu hena u komfort kbir għan-nisrani kattoliku li mixgħul bil-ferħ iħoss li għandu jsamma' leħnu f'għana ta' ħajr u qima lill-Mulej. Għalhekk sħabna fl-Akkademja kitbu inni u versi li jgħaxxqu bil-ħlewwa u blarmonija.*

*Dan kollu qegħdin ngħiduh mhux bħala ftaħir imma biex infissru li l-Akkademja ma tibqax lura fejn tħoss li bis-saħħa tal-Malti tista' tagħmel ġid kemm fil-qasam tal-kultura, kif ukoll f'dak li hu soċjali jew reliġjuż, kif titlob il-qagħda tagħha tal-lum bħala korp nazzjonali.*

---

# TIRU AGHSAFAR

**Ta' OLIVER FRIGGIERI**

Bla ħsieb ta' xejn tittajru,
taħarbu 'l fuq, togħlew,
u qatt ma tħabblu raskom
kemm jiem minn fuqkom ġrew.

Tilagħbu fuq is-siġar
u taħlu ferħanin
il-għana li ġo qalbkom
żergħalkom il-Bambin.

Il-leħen kiebi tagħkom
mal-ġmiel qasir tal-ward
inessi fija n-niket
li jkaxkar ħajti fl-art.

Ittajru ħbieb. Dewquni
mill-morr l-ewwel ħlewwiet.
Imbagħad aħarbu. Ħallu
l-infern taħt is-smewwiet.

---

**LAURENT ROPA**

## FL-OKKAŻJONI TAŻ-ŻJARA F'MALTA TA' MADAME MARGUERITE ROPA

### Mill-Professur Patri Serafin Zarb, O.P.

Madame Marguèrite Ropa, armla tal-mibki Kittieb Laurent Ropa, waslet Malta fit-22 ta' Marzu 1970, flimkien mas-Saċerdot Gaucher, ħabib kbir ta' żewġha. Il-għan ta' din iż-żjara kien li Madame Ropa żżur lill-qraba ta' żewġha, fosthom P. Piju Rapa, O.P., Pirjol tas-Santwarju ta' Fatima, Gwardamanġa, u l-art fejn twieled żewġha.

Id-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università Rjali ta' Malta, il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u l-Akkademja tal-Malti hejjew laqgħat biex jagħtu merħba lil mart Laurent Ropa, li huwa ġieh kbir ta' Malta.

Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fost ħwejjeġ oħra hejja rħama b'tifkira ta' Laurent Ropa, fl-8 September Avenue, Xagħra, Għawdex, fejn twieled u ġiet mikxufa mill-armla tiegħu u mbierka minn ħuh P. Piju Rapa, nhar il-Għid il-Kbir, 29 ta' April 1970.

L-Akkademja tal-Malti tat "Vermouth d'Honneur" f'ġieh Madame Marguèrite Ropa fil-Kulleġġ ta' Saint Albert the Great, il-Belt, u stiednet lill-Professur P. Serafin M. Zarb, O.P., Membru Akkademiku ta' l-Akkademja, kif ukoll membru tal-Kunsill ta' l-Akkademja, biex jagħmel kelmtejn ta' merħba lill-preżenti u billi Madame Ropa xtaqet li dan id-diskors bil-franċiż jiġi stampat, sejjer jidher hawn taħt bit-tifsira tiegħu bil-Malti.

## ACADEMIE DE LA LANGUE MALTAISE

La Valette, le 28 mars 1970.

A Madame Marguerite Ropa.

Madame,

C'est pour moi un grand plaisir de vous adresser au nom de l'Académie de la langue Maltaise dont votre mari bien-aimé, Monsieur Laurent Ropa, était un grand ami et correspondant à l'étranger.

Nous vous remercions de cette aimable visit, dirai-je même de ce pieux pélérinage spirituel que vous faites à la patrie et au lieu de naissance de votre mari, qui est né au petit village de Xagħra, dans la petite île de Gozo en 1891, où il a vecu seulement les deux premières années de sa vie. Pendant ce temps d'enfance il n'a pas eu certainement le loisir de connaître les beautés de son pays natal: mais, je pense, c'est exactement cette privation qui engendra en lui ce grand amour, qu'il a conservé pendant toute sa vie pour sa patrie et pour tout ce qui est maltais, surtout pour la langue et la littérature maltaise.

La famille Ropa émigra en Algérie, et précisement à Bone, en 1893, et dès lors le petit Laurent n'a plus vu sa patrie. Il recu donc son éducation dans les écoles francaises de Bone et de Constantine. Son ardeur pour l'étude et surtout pour la littérature et précisement pour la poésie est bien connu et je voudrais bien transcrire ici ce que lui-même nous raconte:

"J'avais, sur ma table de travail, une carte sur laquelle j'avais écrit:
'Souviens-toi que tu es d'abord poète"

Je ne suis que poète.

L'étincelle jaillit vers ma treizième année à l'audition du poème de Victor Hugo "Les Pauvres Gens" en lecture du samedi, à l'école. C'est sans doute la plus belle époque de ma vie; c'est alors que je suis né.

A la maison, mes parents étaient le plus souvent soucieux — et Dieu sait si j'étais sensible à leurs peines — et cependant il me semble que je vivais dans un perpétuel enchantement. Comme l'école communale était à six kilomètres de la maison, ma mère me donnait pour mon rêpas de midi deux ou trois sous qui devaient me payer une portion dans une gargote arabe. Or, j'avais découvert non loin de là une collection des oeuvres de V. Hugo à cinq sous le volume. Plusieurs fois par semaine il y avait un combat à livrer: irais-je à la gargote d'où s'exhalait une tyrannique odeur de ragout de mouton aux haricots ou de pois chiches au kamoun, ou bien à la librairie où resplendissaient, sur la cou-

verture des volumes exposés, les titres prestigieux et chers avec le paraphe impérial et familier du Maître? Après avoir fait la navette une bonne demi-heure entre la boutique du ventre et celle de l'espirit, ècoutant les deux faims, j'entrais le plus souvent et sans regret chez le libraire. J'ai réussi à lire ainsi prèsque tous les recueils de poèmes de Victor Hugo entre ma quatorzième et ma seizième année".

Ce petit récit est très éloquent et n'a pas besoin d'être commenté. Il montre clairement le fort charactère de ce jeune-homme et sa faim spirituelle pour la littérature, particulièrement pour la poésie. Ainsi il a choisi comme profession l'enseignement.

Pendant la première guerre mondiale (1914-1918) il a dû s'engager dans l'armée francaise et combattre en France où il fut aussi blessé.

Après la guerre il reprit l'enseignement.

Promu directeur de l'école de Sillè-le-Guillaume il y est resté jusqu' aux limites d'âge permis quand il a dû quitter la direction de l'école et se retirer en pension. Alors il se retira a Piacé, Sarthe, dans la maison de ses beaux-parents et c'est la qu'il a terminé sa vie, le 29 mars 1967. C'est-à-dire demain à trois ans.

Malgré le fait que notre Laurent dès la seconde année de sa vie a toujours vécu a l'étranger, il n'a jamais nié son origine maltaise; au contraire, il en était toujours très fier. Cela le prouvent et ses activités littéraires pour la langue et la littérature maltaises et ses relations intimes avec les communautés maltaises soit à Malte soit à l'étranger.

Monsieur Laurent Ropa s'est efforcé d'élever toujours plus haut la langue et la littérature maltaise dès que cette littérature était encore en son berceau. Dans son premier roman "Le Chant de la Noria", publié en 1932, il raconte la vie et les usages des maltais et des gozitains qui vivaient de son temps à Bone. Ce roman mérita le "Prix de la Société Nationale d'Encouragement au Bien" et fut traduit en maltais par Monsieur le Professeur Guze' Aquilina et publié dans le journal Berqa.

Un autre roman "Kâline" fut publié en 1963. Il se montre favorable à l'indépendence politique de Malte et fait dire à Kâline, une femme maltaise d'Algiers:

"Je suis ce que je suis, nous sommes ce que nous sommes . . .

Je ne renierai in une goutte de mon sang, ni une parcelle des trésors d'âme que je tiens en héritage de mes pères, d'où qu'ils viennent" (p. 216).

Et encore:

"Alliés des Anglais et alliés de toutes les nations de grand coeur; sujets de quiconque, jamais!" (ibid.)

Et enfin:

"Puisque la poésie maltaise est née, Dun Karm, dit Kâline — la poésie dans la langue bénie de nos pères —, nous n'avons plus à espérer la liberté, nous l'avons!" (p. 221).

Le troisième roman a pour titre "Bou-Ras", publié en 1960; nous rencontrerons plus bas encore ce nom.

En outre Monsieur Ropa a publié dan La Grande Revue, Novembre 1936, une étude sur Malte et sa Littérature!

Et encore pour rendre plus connu les poètes maltais, il a publié à Tunis en 1937 une "Anthologie: Poètes Maltais."

Monsieur Laurent Ropa a publié encore plusieurs autres volumes de poésie. Voici la liste.

En 1945, Notre-Dame-de-la-Vie

Puis la série: Le Tombeau de Bou-Ras:

I. Le Jardin de l'Allélik en 1950. Allélik est un petit village prés de Bone où notre poète a passé son enfance et son adolescence.

II. La prière à Hippône est le nom classique de Bone, rendu fameux par son grand évêque au commencement du IV siècle, le grand docteur et Père de l'Eglise Saint Augustin.

III. Notre-Dame-de-la-Vie est le nom du troisième recueil de poèmes publié en 1968, oeuvre posthume, sauvé de l'oublie par les soins amoureux de Madame Marguérite Ropa, qui nous promet encore deux autres ouvrages:

Le Sermon sur la Montagne

et ancore un deuxième volume: "Anthologie: Poètes maltais."

Nous souhaitons à Madame Marguérite Ropa d'amener ces publications à bonne fin et le plus vit possible: car ces publications complètent l'oeuvre littéraire de Monsieur Laurent Ropa et sont l'héritage précieux qu'il a laissé à la postérité; un monument qui fait honneur non seulement à son auteur, mais à toute la famille Ropa, à la littérature francaise comme aussi à Malte.

En réalité Malte se sent très fière de son grand fils Laurent Ropa et nous sommes très heureux de lui rendre nos hommages dans la person de sa digne femme, Madame Marguérite Ropa!

**Tifsira**

Hu għalija ferħ kbir li jiena ngħidlek kelmtejn f'isem l-Akkademja tal-Malti, li tagħha l-maħbub żewġek, is-Sur Laurent Ropa, kien ħabib

kbir u korrispondent barra minn Malta.

Aħna niżżuk ħajr ta' din il-ħelwa żjara tiegħek, ngħid aħjar ta' dan il-pellegrinaġġ spiritwali li inti qiegħda tagħmel f'art twelid żewġek, li twieled fir-Raħal żgħir tax-Xagħra, fil-gżira ċkejkna ta' Għawdex fl-1891, fejn huwa għadda biss l-ewwel sentejn ta' ħajtu. F'dan iż-żmien tat-tfulija tiegħu żgur ma setax jagħraf is-sbuħija ta' art twelidu; iżda, naħseb jien, kienet din iċ-ċaħda li nisslet fih dik l-imħabba kbira, li huwa għażż ħajtu kollha għal art twelidu u għal dak kollu li huwa malti, fuq kollox għall-ilsien u l-Letteratura maltija.

Il-familja Ropa marret fl-Alġerija, u sewwa sew f'Bona, fl-1891, u minn dak iż-żmien iċ-ċkejken Wenzu ma rax iżjed art twelidu. Huwa għalhekk mar fi skejjel franċiżi f'Bona u f'Kostantina. Il-ħeġġa tiegħu għall-istudju u fuq kollox għal-Letteratura u sewwa sew għall-poeżija huma magħrufin biżżejjed u għalhekk xtaqt li nniżżel hawnhekk dak li huwa nnifsu mar jikteb:

"Jiena, fuq il-mejda tal-kitba tiegħi kelli daqsxejn ta' karta u fuqha kont ktibt:

FTAKAR LI INTI L-EWWEL U FUQ KOLLOX INT POETA

Tabilħaqq jien ma iniex ħlief poeta.

Ix-xrara feġġet madwar it-tielet sena li kont ili nisma' l-poemi ta' Victor Hugo "L-Imsejkna Fqar" fil-qari ta' nhar ta' Sibt l-iskola. Dan kien fiż-żgur l-isbaħ żmien ta' ħajti: kien f'dak iż-żmien li jiena twelidt mill-ġdid!

Id-dar, missieri u ommi kienu mhux ftit imħassbin fuqi — u Alla jaf jekk jiena kontx inħoss għalihom — u madanakollu jidhirli li kont qiegħed ngħix f'hena bla tmiem. Billi l-iskola tal-gvern kienet bogħod sitt kilometri mid-dar, ommi kienet tagħtini għall-ikla tiegħi ta' nofs-in-nhar żewġ jew tliet soldi li bihom kont nixtri l-ikla tiegħi f'ħanut ta' l-ikel għarbi. Iżda, ftit 'il bogħod minn hemm kont rajt ġabra ta' kotba ta' V. Hugo li kienu jiswew ħames soldi l-wieħed. Kemm-il darba fost il-ġimgħa jiena kelli nġarrab taqbida: x'nagħmel immur fil-ħanut ta' l-ikel mnejn kienet ħierġa riħa ta' stuffat tal-muntun bil-kaboċċi u l-piżelli, jew fil-ħanut tal-kotba, fejn kont tilmaħ jiddu, fuq il-qoxra tal-kotba mifruxin, l-ismijiet saħħara bl-armi tal-familja u imperjali ta' l-Imgħallem? Wara li kont ġej u sejjer għal xi nofs siegħa bejn il-ħanut ta' l-ikel u dak tal-kotba, għax kelli ġuħ għat-tnejn, kont nidħol x'aktarx u mingħajr indiema f'dak tal-kotba. B'hekk irnexxieli naqra l-biċċa l-kbira tal-ġabriet tal-poemi ta' Victor Hugo bejn l-14 u s-16-il sena tiegħi."

Dan id-daqsxejn ta' rakkont ifisser ħafna u ma għandux bżonn li

jiġi mfisser. Jurina fid-deher il-karattru qawwi ta' dan iż-żagħżugħ u l-ġuħ tiegħu spiritwali għall-poeżija. Għalhekk huwa kien għażel li jsir surmast.

Matul l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918) kellu jmur suldat fl-armata franċiża u jissielet fi Franza fejn ukoll ġie midrub.

Iżda wara l-gwerra sata' jarġa' jibda jgħallem.

Laħaq direttur ta' l-iskola f'Sillè-le-Guillaume fejn baqa' sa għalaq iż-żmien meħtieġ, imbagħad ħalla l-iskola u kien igħix bil-pensjoni. Kien f'dak iż-żmien li mar joqgħod fi Piacè, Sarthe, fid-dar ta' nies il-mara tiegħu u kien hemm li huwa temm ħajtu, fid-29 ta' Marzu 1967. Jiġifieri bħal għada tliet snin.

Minkejja l-fatt li Lawrenz tagħna wara li għalaq sentejn għex dejjem barra minn Malta, huwa qatt ma ċaħad in-nisel malti tiegħu; bil-maqlub, kien iħossu dejjem kburi. Dan turih il-ħidma tiegħu letterarja għal ilsien u l-letteratura maltija, kif ukoll il-ġibda kbira li kellu lejn l-għaqdiet maltin hekk f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

Is-Sur Laurent Ropa għamel ħiltu biex igħolli dejjem iżjed l-ilsien u l-letteratura maltija sa minn meta din il-letteratura kienet għadha fin-nieqa tagħha. Fl-ewwel rumanz li kiteb: "Il-Għanja ta' Norja". li ħareġ fl-1932, huwa jfisser il-ħajja u d-drawwiet tal-maltin u tal-għawdxin, li kienu jgħixu fi żmienu ġewwa Bona. Dan ir-rumanz ħa l-"Premju tas-Soċjetà Nazzjonali ta' l-Inkuraġġjament għal min jagħmel it-tajjeb" u ġie maqlub bil-malti mis-sur Professur Ġużè Aquilina u deher fil-ġurnal "Il-Berqa".

Rumanz ieħor "Kaline" ħareġ fl-1936. Dan juri ruħu favur l-indipendenza pulitika ta' Malta u ġiegħel lil Kelina, mara maltija ta' l-Alġier tgħid:

"Jiena dak li jien, aħna dak li aħna . . .

Jiena ma niċħadx qatra waħda minn demmi, u lanqas l-iżgħar biċċa mill-għana tar-ruħ li jiena writt minn missirijieti, mnejn huma mnisslin" (p. 216).

U tissokta:

"Ħbieb ta' l-Ingliżi u ħbieb tan-nazzjonijiet kollha ta' qalb kbira; imma lsiera ta' ħadd u qatt!" (Ibid.).

U fl-aħħarnett:

"La darba nħolqot il-poeżija maltija, Dun Karm, tgħid Kaline — il-poeżija fl-ilsien imbierek ta' missirijietna — ma għandniex għalfejn nittamaw iżjed għall-ħelsien, għaliex il-ħelsien għandna!" (p. 221).

Barra minn dawn is-Sur Ropa kiteb f'La Grande Revue, Novembru 1936, studju fuq "Malte et sa Litterature".

U iżjed, biex jagħmel dejjem aktar magħrufin il-poeti maltin, ġewwa Tunes fl-1937, "Anthologie: Poètes Maltais".

Is-Sur Laurent Ropa kiteb ukoll ħafna volumi oħra fuq il-poeżija. Din hija l-lista tagħhom:

Fl-1945, Notre-Dame-de-la-Vie.

Wara s-serje: Le Tombeau de Bou Ras.

I. Il-ġnien ta' Allelik fl-1950. Allelik huwa raħal żgħir, qrib Bona, fejn il-poeta tagħna għadda tfulitu u żgħożitu.

II. It-talba ġewwa Hippona, fl-1953. Hippona huwa l-isem klassiku ta' Bona, li sar magħruf imħabba l-Isqof kbir tiegħu fil-bidu tar-IV seklu, il-kbir Duttur u Padre tal-Knisja Santu Wistin.

III. Notre-Dame-de-la-Vie. Din hija t-tielet ġabra ta' poemi, li ħareġ fl-1968, wara l-mewt, u ġie meħlus milli jiġi minsi, imħabba l-ħerqa ta' Madame Marguèrite Ropa, li wegħditna wkoll żewġ kotba oħra:

Id-Diskors fuq il-Muntarja

U t-Tieni Volum: "Anthologie: Poètes Maltais".

Aħna nixtiequ lil Madame Marguèrite Ropa li jirnexxilha twassal dawn il-publikazzjonijiet sa ma jidhru, u mill-aktar fis; għaliex dawn il-publikazzjonijiet itemmu l-ħidma letterarja tas-sur Lawrenz Ropa u l-wirt prezzjus li huwa ħalla għal ta' warajh: monument li jagħmel ġieh mhux biss lill-awtur, imma lill-familja Ropa kollha, lill-Letteratura franċiża, kif ukoll lil Malta.

Tabilħaqq Malta tħossha wisq kburija bil-kbir binha Lawrenz Ropa, u aħna nħossuna ferħanin li nagħtuh ġieh fil-persuna ta' martu, M.M. Ropa!

# BEATNICS

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

Il-lum, fuq it-taraġ tas-**Sacre Coeur** f'Pariġi,  
iltqajt mal-**beatnics** maħmuġin,  
fuq xulxin mitluqin,  
b'xagħarhom imdennes, twil, ferħanin,  
b'għajnejhom indennsin  
jimirħu fuq il-Belt ta' taħthom,  
qishom bla ma jifhmu jew jaraw  
l-Istorja timraħ:  
djar, palazzi, knejjes, siġar sbieħ, l-Eiffel, ix-xmara,

baħħ! qishom ma jħeġġu l-ebda ħsieb
fir-ras misjura għax iż-żmien sajjarha!

U serrep mas-sinsla l-bard
għaliex ħassejtni dieħel fl-Iżmna Mudlamin
fejn in-nies ħasset il-ħajja
waqt li qatlet l-għerf, u l-ħsieb,
bħal musbieħ, baqa' jixgħel f'xi kunvent 'il bogħod!

Jekk iż-żgħożija għas-sens tintreħa,
l-irġiel ta' għada x'ser jieħdu mid-dinja?
U META dawk tal-lum jgħaddu lil hemm
mhux huma jridu l-baħħ jimlew?
Għalfejn il-qamar,
jekk tal-art il-ħidma tieqaf u taqta'?

U liema raġel sar mingħajr ma ċċaħħad?
Xogħol tal-ħmir daqs tal-irġiel, titwaħħad!

Pariġi, 13/vii/1970.

# IL-QWIEL U ĦAJJITNA TA' KULJUM

**Ta' Alfred Massa**

Il-qawl m'hu xejn għajr il-filosofija tan-nazzjon; l-għerf li jkun ġabar matul il-milja taż-żmien dak il-poplu — għax kif igħid il-qawl Malti "aktar ma nikber, aktar nitgħallem". U sewwa sew dak hu l-qawl — ħażna ta' tagħlim siewi miġbur f'erba' kelmiet li fihom sewwa x'tixtarr u x'titgħallem biex imbagħad mir-riżultat tagħhom inti tfassal il-ħajja tiegħek.

Il-jum għall-bniedem jibda malli jiftaħ għajnejh u l-qawl igħid "il-bokra ssewwa ż-żokra," u dan irid jurina li meta aħna nbakkru kmieni jkollna żmien biżżejjed li dak li għandna nagħmlu, nagħmluh sewwa, bla għaġla u bil-galbu. Għaliex li tagħmel ħaġa bil-għaġla u t-tferfix, ma tkun għamilt xejn sewwa u iktarx li jerġa' jkollok tagħmlu darb'oħra, "kif il-qattusa għaġġelija tagħmel ulied għomja".

Imbagħad għal dak li la jħobb iqum kmieni u lanqas tard, imma jibqa' jitgħażżen, jitliegħeb fix-xemx u jdur fix-xejn bla ma jħabbel rasu mix-xogħol, jingħad li "l-għażżien dejjem għarwien", l-għaliex hija ħaġa minn awl-id-dinja li bla flus la tista' tixtri u lanqas tlaħħaq ma' dak li

jagħmel dmiru lejn is-soċjetà bix-xogħol. U l-għażżien, bla dubju, igħix fil-faqar u n-nuqqas u "l-fqir sal-klieb tagħarfu, għax tinbaħ għalih". B'dan rajna li l-jum għandna nibdewh bix-xogħol u l-ħidma li huma hekk meħtieġa biex ingħixu ħajjitna kif titlob anki l-istess liġi naturali — kif jixraq u sewwa.

Sew jekk tkun taħdem u sew jekk ma tkunx, għandek dejjem toqgħod attent fi kliemek. Għax ta' kultant jiġri li bil-kliem żejjed jew mixħut bl-addoċċ, tista' tiġi fl-akbar għelt, għawġ u kultant anki tkun il-ħtija ta' frid bejn il-familji. Għax "li kien il-kliem ġawhar, is-skiet isbaħ minnu", u li kieku ma għidt xejn kien jaqbel bosta, billi "għidt kelma swietli mija, li ma għidt xejn kien ikun aħjar għalija". Li wieħed iżomm ilsienu u jgħarbel sewwa kliemu qabel jixħtu ma jkunx għamel ħażin billi b'hekk biss tista' żżomm is-sliem ma' kulħadd u mhux biss li moħħok ikun mistrieħ, imma wkoll li taqla' t-tifħir u s-simpatija ta' kulħadd. Għax fl-aħħar mill-aħħar x'tiswa l-ħajja bil-ġmiel kollu li fiha, sew jekk inti żgħir, sew jekk inti kbir, b'dak kollu li għandha x'tiġbdek lejha, jekk tħalli lsienek jiġri bik, ħajtek issir infern imdawwar minn kullimkien bl-għedewwa u ma tismax ħlief min igħid kontrik. Naħseb li l-għan ewlieni tal-bniedem għandu jkun li jżomm il-paċi ma' kulħadd għaliex "għidt kelma swietli mija, li ma għidt xejn kien ikun aħjar għalija."

Kemm hu sabiħ li nżommu s-sliem ma' ħbiebna, l-aktar mal-ġirien tagħna, igħidulna l-qawl bil-kliem "kul għal żaqqek u imxi għal għajn innies". Għaliex ma tistax toqgħod "tfittex ix-xagħra fil-għaġina", ta' kull ma jidhirlek li qed jagħtik fastidju għaliex tispiċċa biex titlewwem ma' kulħadd. Issib min igħidlek 'itboq biebek u dur b'uliedek', għaliex b'hekk biss ma tiġix fl-għawġ. Huwa kollu minnu li fil-ħajja ta' waħdek ma tiġix fil-għawġ, imma wieħed irid jiftakar li llum, bil-ħajja movimentata li qed ingħixu fiha ma tistax issakkar biebek biex tissakkar ġewwa, "għaliex jekk tinħeba, jaħbuk". U llum ma tantx hu żmien li tinħeba, l-aktar min għandu t-tfal li jridu jersqu fis-soċjetà, u llum is-soċjetà ma tippermettix 'l min hu mgerrex u mistħi għaliex għal dak la hemm xogħol u lanqas wisa'. Bħalma darba qal wieħed li jaf sewwa xi trodd il-ħajja, "il-ħajja hi ġlieda, jekk ma tafx tiġġildilha, ma hawnx wisa' għalija fid-dinja". U kif trid tiġġildilha jekk inti qatt ma doqt l-imrar tagħha u li triqtha ma tafx tkejjilha b'xibirha.

Fuq ix-xogħol wieħed għandu dejjem iżomm kelmtu u jara li din iżommha tajjeb għaliex 'il-bniedem tagħarfu minn wegħditu'. Min jikser kelmtu jkun qed jagħmel agħar mit-tfal li ma jafux x'inhi l-kelma ta' l-irġulija. Li wieħed iżomm kelmtu jkun qed juri li hu ta' karattru tajjeb, bniedem ta' min jorbot fuqu, u li l-ħbiberija miegħu tkun imfittxija

minn kulħadd.

Ħafna għandhom id-drawwa, l-aktar fuq ix-xogħol u l-ħwienet tal-kafè, li jaqbdu ma' xi ħadd. Din id-drawwa tgħodd ukoll għal dawk li jqattgħulek il-jum kollu jqassu fuq in-nies, l-iktar il-ġirien li forsi dawn ikunu ġewwa għall-affari tagħhom iduru bil-familja; u għal dawk li joqogħdu jgħidu fuq dak u fuq l-ieħor. Dawn għandhom joqogħdu attenti għax "jekk tirfisli l-kallu, nirfislek tiegħek", u għandek titgħallimha li ma "tagħtix fastidju 'l min ma jtikx", għax "kull min igħolli taħt abtu, kulħadd għandu xi jxomm".

Huwa dmir tal-ġenituri, fost dmirijiet oħra, li qatt m'għandhom jitkellmu quddiem it-tfal billi "t-tfal jikxfu l-għawar", u dak li żammejt mistur int dlonk ixandruh huma bl-innoċenza kollha. Min jitkellem quddiemhom ikun qed imur kontra l-qawl li jgħid "turix fiex aħna jekk ma tridx toħroġ ħabarna". Għax xi drabi l-kliem li ngħidu bejn l-erba' ħitan ta' djarna jkun tassew kompromettenti u jista' jwasslek fil-għali u kif igħidu "fil-ksir il-għonq".

Matul il-jum issib lil min hu qanċieċi, ma jikolx sakemm jixba', u li "l-flus jurihom id-dlam". Kollu minnu li ma tridx tkun ħali, għax kif igħidu aktarx jiġri li "ilħiħ jegħleb ix-xħiħ", u meta ħali jkollu idejh miftuħa sewwa, jispiċċaha fid-dejn. Imma lanqas trid tkun qanċieċi, tkejjel iżżejjed bix-xiber biex fl-aħħar tispiċċaha kif igħid il-qawl, "bena u talla' biex mar u ħalla", u fl-aħħar issib li matul ħajtek geddist kemm flaħt biex gawdew il-werrieta. Għalhekk sabiħa li wieħed jonfoq skond ix-xlief tiegħu u "ma jmiddx riġlejh barra mill-friex".

F'jum wieħed bniedem jista' jagħżel l-akbar destin ta' ħajtu u dan hu dak li jqatta' għomru mas-sieħeb jew sieħba tiegħu. Għażla delikata li l-bniedem għandu jħares lejha bl-akbar reqqa għaliex "iż-żwieġ hu rabta li tagħmilha b'ilsienek u ma tħollhiex bi snienek". Għandu wieħed iħares lejn il-karattru u l-bżulija għaliex "għan-natura m'hemmx tabib", u jekk tinzerta ħażin, tmur minn taħt. Ma tridx tħares lejn il-ġmiel biss għaliex "il-ġmiel għas-suq", u lanqas lejn il-flus għaliex "imur il-ġid u l-gidejn u jibqa' l-ħidma tal-idejn", u jekk din jew dan ma jkunux tax-xogħol, ibatu t-tnejn. Għalhekk l-antiki kienu jgħidu "aħjar fqira u ħorra, milli għanja u morra", għaliex wisq drabi jiġri li bi flus il-mara r-raġel ikun ilsir u mkasbar bla ma jista' jżomm id-dinjità tiegħu. Hu importanti wkoll li tkun taf min hi (hu) għaliex "jekk l-omm kienet żemlija, l-bint tkun imdorrija", jew "għidli bint min hi biex ingħidlek min hi".

Il-ħbiberija, ma' nies li fihom għajb, wieħed għandu jwarrabha għaliex "min jagħmilha maz-zopp f'egħluq is-sena jsir bħalu", u anki jgħi-

dulek "għidli ma' min tagħmilha biex ingħidlek min int". Il-ħbiberija ma' nies ta' ċerta kwalità tajba mhux biss li ma tħammarx il-wiċċ quddiem is-soċjetà, imma wkoll li timliek b'ċerta kunfidenza fik innifsek li dak li qed tagħmel hu magħġub u mweġġah minn kulħadd.

Għalhekk iktarx li "l-Għaġuża qatt ma riedet tmut, għax aktar ma tikber aktar kellha x'titgħallem". Fid-dinja qatt ma tista' tgħid kemm taf, iżda kemm baqagħlek x'issir taf. Sewwa jgħidu li 'kliem ix-xiħ żomm fih', għax jaf x'igħid, għalkemm issib min igħidlek "li darbtejn insiru tfal". B'danakollu tabilħaqq li x-xiħ għandu l-esperjenza li kisibha matul il-milja ta' ħajtu. Wisq drabi "tgħallem bl-iżball tiegħu", li jkun ħallas għalih fil-wisa'.

# ĦU KOLLOX

**Ta' Joseph Sciberras**

Dan biss irrid minn għandek:
l-imħabba tiegħek;
mill-bqija ħudli kollox
u fittex
ħu lili miegħek.

# IL-BULGARJA U L-LETTERATURA TAGĦHA

**Ta' Emmanuel P. Attard**

'Art li sa minn bosta snin ilu ħassejtha tiġbidni hija bla xejn dubju l-Bulgarja. Dal-pajjiż Slav fil-Lvant ta' l-Ewropa għalkemm mhux tant ngħid minn artna, ftit li xejn huwa magħruf fostna. Dwar dik li hija, imbagħad, letteratura Bulgara — min jaf, forsi il-għaliex dan l-ilsien huwa miktub bl-alfabet Ċirilliku u għalhekk huwa għarib għalina — nistgħu ngħidu li nafu ftit wisq. Hija tassew ħasra. Għalhekk ħassejtni fid-dmir li ngħid xi ħaġa fuq dal-pajjiż sabiħ, kollu storja, u dwar il-letteratura għanja tiegħu.

M'hemmx wisq x'jorbotna, huwa kollu minnu, mal-Bulgarja, għalkemm nafu li minn hemmhekk nimportaw bosta gniedes u barrin. Imma nixtieq insemmi li darba waħda, f'ġurnal lokali, kont qrajt dwar

ċertu Professur Sciclunoff, Bulgaru ta' fama kbira bħala xjenzjat, li stqarr li huwa ta' nisel Malti, kif jixhed kunjomu. Kif jidher ċar, meta, anke fil-Bulgarja xi Malti 'l hawn u 'l hinn mar igħammar bħal tant u tant oħrajn fl-Awstralja, fl-Amerika, fl-Ingilterra u artijiet oħra. Għandna nsibu wkoll, kif sejjer nurikom, xi xebh bejn il-popli tagħna u fl-istorja tal-letteratura taż-żewġ artijiet.

Dan narawh fil-fatt li għalkemm il-Bulgarja, bħal Malta tagħna, hija wisq għanja fl-istorja, il-letteratura tagħha hija biex ngħidu hekk żagħżugħa — bħal dik tagħna — għalkemm l-egħruq tagħha jwasslu sas-seklu disgħa wara Kristu. Hija bdiet tieħu sewwa suritha għall-ħabta ta' nofs is-seklu tmintax — bejn wieħed u ieħor bħal-Letteratura Maltija li mar jagħtiha sura ħajja Mikiel Anton Vassalli, 'Missier l-ilsien Malti', li wkoll għex dik il-ħabta, meta Malta kienet għadha taħt il-Kavalieri ta' San Ġwann. Bejn Malta u l-Bulgarja hemm xebh sewwa fis-sens li ż-żewġ popli huma — jew almenu kienu, għax issa ż-żminijiet qed jitbiddlu kullimkien — mogħtija għall-biedja u huma nies twajba u reliġjużi għall-aħħar. Il-Bulgari m'humiex, niftehmu Kattoliċi, iżda ta' din Ortodoss imma ferm iħobbu lir-reliġjon u lill-knejjes tagħhom u devoti għall-aħħar tal-Madonna għalkemm taħt reġim Aħmar.

Il-Bulgari ta' 200 sena ilu, bħall-Maltin ta' dak iż-żmien, kienu jsibu fis-saċerdoti tagħhom — in-nies waħdanin, tista' tgħid, li kellhom xi tagħlim — mhux biss ir-ragħajja spirtwali iżda wkoll il-mexxejja ċivili u letterarji tagħhom. L-ewwel kotba Bulgari kienu l-Bibbja u oħrajn ta' xejra reliġjuża. Ewlieni fil-qasam letterarju Bulgaru kien Patri Pajsi minn Hilendar, li għex bejn l-1722 u l-1798. Patri Pajsi kien reliġjuż għaref u patrijot b'qalb taħraq bl-imħabba għal art twelidu u għall-ilsien tagħha. Bħall-Poeta Nazzjonali tagħna Dun Karm, Patri Pajsi mar iwissi li waqt li hija ħaġa sabiħa li nistudjaw u nħobbu l-ilsna barranija ma għandna narmu u ma għandna nżebilħu qatt ilsien pajjiżna. Pajsi hekk mar jikteb u jħeġġeġ lill-Bulgari ta' żmienu, li wħud minnhom bħal xi Maltin ta' l-imgħoddi, b'għajb kbir għalihom, kienu jħarsu b'mistħija jew dak li huwa agħar bi stmellija lejn l-ilsien li ħadu ma' ħalib ommhom: "Araw kif jiena qed nikteb bi stil mexxej, ċar u ħafif dwar in-nisel u l-ilsien tagħkom. Aqraw u tgħallmu dejjem iżjed ħalli ma tkunux imżebilha u mċekkna mill-popli l-oħrajn ........ U min ma jkunx irid jaf dwar il-ġens Bulgaru tiegħu u jkun moħħu fid-drawwiet u ilsna barranija, ah, kemm ikun miskin u iblah!" Pajsi ġabar madwaru xi reliġjużi li kienu jaħsbuha bħalu u dawn issoktaw iħabirku għall-għanijiet għolja tagħhom. Mhux ta' b'xejn, Pajsi ġie

msejjaħ il-bniedem li qajjem mill-ġdid il-Letteratura Bulgara.

Imma l-ġieh tat-titlu ta' 'l-ewwel bniedem intelletwali tal-Bulgarja l-Ġdida, jieħdu, kif jixraqlu, l-Isqof Sofronju minn Vrazza. Kien prelat imdawwal għall-aħħar għal żmienu: huwa għex bejn l-1737 u l-1814. Influwenzat minn Pajsi, l-Isqof Sofronju mar juri b'ħila tassew kbira l-qawwa u l-ħlewwa ta' l-ilsien Bulgaru meta jkun imħaddem minn id tas-sengħa. Fih il-Bulgari tas-sekli tmintax u dsatax kellhom mexxej għaref u qaddis. Lill-Isqof Sofronju — minn kitbietu ta' lanqas — nistgħu nsejħulu 'Santu Wistin tal-Bulgarja'. Bħall-imsemmi Duttur ta' Ippona kien bniedem għaref, umli u ta' ħila fil-pinna tiegħu, kif tixhed l-awtobijografija ta' ħajtu, jisimha, "Il-Ħajja u t-Tbatijiet tal-Midneb Sofronju", miktuba fl-1805. B'qawwa liema bħalha, imma fl-istess ħin bi ħlewwa li żżarma kull għadu, dan l-Isqof Bulgaru mar jinqeda bil-pinna fejjieda tiegħu biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, li jżomm lin-nies ta' pajjiżu fit-triq ta' Kristu, kif kien dmiru bħala ragħaj spiritwali u fl-istess waqt irabbilhom l-almu għax, tassew kienu jeħtiġuh, kif kienu taħt il-madmad Tork.

Ma' dawn it-tnejn mhux ta' min iħalli barra lill-aħwa Dimitri u Kostantinu Miladinov li marru jagħnu lil pajjiżhom b'ġabra ta' 660 għana popolari Bulgaru — il-folklor ta' dal-pajjiż matul iż-żminijiet. Għall-Bulgari dawn iż-żewġ aħwa mdawla u patrijottiċi huma dawk li huma għalina l-Maltin fost l-oħrajn, il-Kanonku Agius De Soldanis, Patri Manwel Magri u fi żmienna, il-Prof. Ġuże' Galea, Ninu Cremona u Ġuże' Cassar Pullicino. Imma, imsejkna li kienu, ħallsuha qares l-aħwa Miladinov, il-ħeġġa li wrew għal ilsienhom għax fl-1862 għebu għal dejjem minn wiċċ din l-art ġewwa Kostantinopli: mixlija li marru jqajmu l-kuxjenza nazzjonali tal-pajżani tagħhom u li kienu mxaqilbin lejn ir-Russja, dak iż-żmien l-aqwa difensura tal-ġnus Slavi. Kittieba oħra Bulgari tal-perijodu risorġimentali kienu bħal Juri Venelin, Ġorġ Rakovski, Pietru Beron, Neofit Bozveli, Neofit minn Rila u, fl-aħħar imma mhux lanqas, Bażilju Aprilov, li f'Gabrovo mar iwaqqaf l-imsemmi ċentru ta' kultura tiegħu.

Poeta ieħor li jixraqlu tifħir speċjali huwa, bla xejn dubju Kristo Botev. Botev (1848-1876) ma kitibx eluf u anqas mijiet ta' poeżiji — għax b'kollox mar iżomm ma' l-għoxrin waħda biss — iżda fosthom insibu wħud li huma fil-veru sens tal-kelma ġawhar liriċi. Bħall-Poeta famuż Ingliż Keats, li wkoll miet qasir il-għomor, kien jikteb wisq u wisq iżjed kieku baqa' jgħix ....... imma, jaħasra, miet fil-fjur ta' ħajtu sforz imħabbtu għal pajjiżu. Kien patrijott rivoluzzjonarju li ma waqafx fl-idealiżmu tal-kitba imma għadda għall-azzjoni. F'ras ġemgħa ta'

partiġjani mar jaħtaf bastiment, il-famuż 'Radetzky' u mir-Rumanija — fejn kien jaħdem bla heda kontra t-Torok — qasam ix-Xmara Danubju u daħal il-Bulgarja. Safa maqbud mill-awtoritajiet Torok u mneħħi nhar is-17 ta' Mejju, 1876. Mewtu huwa kien mar ibassar f'poeżija li mar jiddedika lil ommu u lil għarustu u li semmieha 'Na Prostavani' (Tislija Aħħarija). Dil-poeżija u oħra msemmija għal eroj Bulgaru ieħor, Haġġi Dimitri, huma l-isbaħ fost dawk kollha li kiteb. Il-Porte, il-Gvern Tork, allura ħaseb li mal-mewt ħesrem ta' Botev kien irnexxielu jxejjen għal kollox il-moviment ta' l-indipendenza Bulgara ...... Iżda arralhom it-Torok għax biss sentejn wara jiġifieri fl-1878, il-Bulgarja rebħet l-indipendenza politika tagħha bil-Prinċep Alessandru ta' Battenberg (antenat ta' Lord Louis Mountbatten u tad-Duka Filippu ta' Edinburgu) bħala l-ewwel Kap ta' l-Istat

Ma' l-Indipendenza nazzjonali bdiet rebbiegħa glorjuża għal-Letteratura Bulgara. Mhux il-għan ta' din il-kitba li tingħata lista sħiħa ta' awturi Bulgari jew ta' xogħlijiethom għax kienu jkunu jenħtieġu volumi sħaħ. Insemmu biss xi wħud mill-aktar kbar ma' l-oħrajn li diġa semmejna. Fost dawn u minn ta' quddiem nett għandna nsibu lil Ġwann Vazov (1850-1921). Tgħallem u trawwem f'imħabbtu għal-letteratura fl-iskola mwaqqfa minn missier il-Poeta Botev f'Kalofer. Bħall-poeta msemmi l-aħħar, Vazov mar iqatta' bosta snin minn ħajtu eżiljat fil-pajjiż ġar, ir-Rumanija. Hawnhekk huwa wkoll ħadem, kiteb u ssielet bis-sħiħ kontra l-madmad Tork f'pajjiżu. Bħal xi nies patrijottiċi u mdawla Maltin li marru jaraw lil Malta mill-ġdid mal-miġja ta' Napuljun fuq l-'Orient', hekk ukoll Vazov daħal mal-Kżar Russu, Allessandru II, imsejjaħ mill-Bulgari, 'Il-Liberatur' — bħala interpretu uffiċjali tiegħu — meta dan ħeles lil arthom minn taħt idejn is-Sultan tat-Turkija. Jekk Botev, miftum minn ħajtu hekk żagħżugħ, mar jikteb ftit wisq — għalkemm mill-aqwa — ma nistgħux ingħidu l-istess għal Ġwann Vazov. Tassew li kien kittieb prolifiku; Kien poeta liriku u epiku, rumanzier u drammaturgu mill-aqwa kemm ta' pajjiżu u kemm fl-Ewropa, tant li ismu u l-letteratura kontemporanja Bulgara saru, tistgħu tgħidu, sinonimi. Fih il-Bulgari jaraw kittieb ewlieni, wieħed li, x'aktarx aktar minn kulħadd mar juri l-qawwa u l-ħlewwa ta' ilsien art twelidu. Bih, bir-raġun kollu, huma mkabbra.

Minn żmien Vazov 'il hawn, insibu ruxxmata sħiħa ta' kittieba Bulgari, bħal biex insemmu biss xi ftit Petko u ibnu, Penċo, Slavejkov, Peju Javorov, Zakkarija Stojanov, Teodoru Vlajkov, Mikiel Georgiev, Stojan Mihajlovski, Aleko Konstantinov, Teodoru Trajanov, Emanwel Pop Dimitrov u oħrajn. Fosthom insibu bosta klassijiet ta' kittieba li

jvarjaw minn dawk ta' xejra leminija jew Konservattiva bħal Petco u Penċo Slavejkov għal Dimitri Blagoev, Milev, Smirnenski, u Vapzarov, xellugin anzi Komunisti bil-miftuħ. Imma ta' min isemmi li dawn ta' l-aħħar għexu fi żmien meta l-Bulgarja kienet monarkija u kienet maħkuma għal kollox mill-oligarkija tan-nobbli u mill-uffiċjali ta' l-armata, ammiraturi fil-beraħ tas-sistemi Faxxisti u Nażisti. Il-kittieba msemmija kienu radikali u ribelli bħala reazzjoni, kif insibu li huma ħafna mill-poeti u kittieba ta' żmienna.

Kontra l-pajjiż ġar, ir-Rumanija, fejn il-President Niculae Ceausescu bla moħbi xejn isegwi pulitika indipendentista mhux dejjem aċċettabbli għall-Unjoni Sovjetika, il-Bulgarja tal-lum hija bħal kollox marbuta mal-karru misjuq minn Moskax. Għat-tieni darba, jiġifieri fl-1944, ir-Russi marru jeħilsu lill-pajjiż mill-ħakma Faxxista u Hitlerjana u kif għamlu f'artijiet oħra tal-Lvant ta' l-Ewropa, imponew mill-ewwel Gvern Komunist. Il-kittieba Bulgari tal-lum, m'għandhomx għażla oħra għajr dik li jimxu u jiktbu skond ir-'realiżmu Soċjalist' jew aħjar dak Marxist u Leninist. Ikollhom iħaddnu ta' lanqas fid-dieher u jħaddmu prinċipji etiċi u artistiċi li jikkinformaw mar-reġim u mal-partit li ilu issa jmexxi l-Bulgarja għal dan l-aħħar kwart ta' seklu. Tgħid reġim hekk iebes wara ħakma hekk twila għad jasal biex jirnexxilu joħloq għal kollox l-aspirazzjonijiet patrijottiċi u reliġjużi Bulgari bi tradizzjonijiet ta' 'l fuq minn għaxar sekli? Ma jidhrilniex ...... imma ż-żmien biss għad irid jurina — jekk inkunu għadna ħajjin.

## INSOMNJA

Ta' OLIVER FRIGGIERI

Meta fl-insomnja twila tħoss jitwieldu
ħsibijiet ġodda u moħħok jitqal iżjed
x'tixtieq?

Jiena nixtieq immisshom bejn subgħajja
bħan-noti taħt is-swaba' ta' pjanista
iew bħalek kif inħobbok meta jidlam.

U meta x-xewqat jonqsu waħda waħda
nisħet l-insomnja.

Iżda l-għada bil-lejl xorta nistenna
il-moħħ jerġa' jittaqqal sakemm norqod.

# PASS ŻGHIR

Ta' Lawrence Quintano

Madwar mitt sena ilu, Jules Verne kiteb il-famuż rumanz tiegħu "Vjaġġ għall-Qamar." In-nies ta' madwaru għaddewh b'ta' miġnun u qatt ma basru li fosthom kellhom bniedem li mal-ġenju tal-kitba, kellu d-don tal-profezija.

Lil Verne ta' min isejjaħlu profeta. Huwa bassar invenzojnijiet bħall-ajruplan u s-sottomarin u fil-ktieb li semmejt huwa iddeskriva ġirja lejn il-qamar li falliet għal ftit. F'dawn l-aħħar għaxar snin, kliem Verne sar realta'. L-ewwel kienu r-Russi li għaġġbu lid-dinja meta tel-lgħu satellita ddur mad-dinja. Ftit xhur wara kulħadd beda jżomm in-nifs u jitħasseb fejn ser naslu meta smajna li kelb bl-isem ta' "Laika" daq il-ħajja ta' l-ispazju qabel il-bniedem.

F'temp ta' xejn sar progress kbir. Bdew telgħin satellita waħda wara l-oħra miż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku sa ma fl-aħħar telgħu l-bnedmin. Il-21 ta' Lulju ta' din is-sena jibqa' mniżżel fl-istorja tal-bniedem — kien il-jum li fih l-Amerikani bagħtu bniedem fuq il-qamar. L-ewwel ma messet kienet is-sieq ix-xellugija ta' Armstrong, imbagħad niżel bniedem sħiħ. "Dan tiegħi huwa pass żgħir," qal Armstrong, "imma huwa pass kbir għall-umanità".

Nistgħu ngħidu li sar l-ewwel pass tal-bniedem fl-ispazju — qisu l-ewwel ġebla ta' bini kbir b'ħafna sulari u b'ħafna kmamar. Meta jkollna stampa ċara f'moħħna, jekk qatt jista' jkollna, ta' kemm hu kbir l-univers, malajr nintebħu kemm kien pass żgħir dak li għamlu Aldrin u Armstrong.

Diġà bdejna naħsbu li hu possibbli li mmorru fi pjaneti oħra, bħal per eżempju, Mars. Jinħtieġu flus, kuraġġ, u xjenza aktar profonda, u mhux kemm taqbad u tibgħat bniedem f'din jew dik il-pjaneta. It-tletin sena li jonqos għat-tmiem tas-seklu wisq probabbli jagħtuna idea ċara tal-futur tal-bniedem fl-ispazju. Ħafna jqanqlu l-problema li ġaladarba m'għandniex flus biżżejjed ħa nitimgħu 'l min hu bil-ġuħ, ikun aħjar jekk nieqfu minn dawn l-attentati. Arnold Toynbee, il-famuż storiku Amerikan, ikkummenta hekk wara l-vjaġġ ta' l-Apollo 11:

"Huwa skandlu li tibgħat bniedem għall-qamar meta hawn ħafna li m'għandhomx x'jieklu. Jekk għandna daqshekk għaqal biex nilħqu l-qamar, ma nidhrux boloh la m'aħniex kapaċi nsolvu l-problemi ta' din l-art?"

Imma, fil-fatt, huwa possibbli għall-bniedem li jieqaf mit-tiftix tiegħu u jħalli l-avventura spazjali? Jiena dan ma naħsibx li jista' jkun.

Bħalma qal Dr. Ponnamperuna, xjenzjat u filosofu, "Din hi l-essenza tal-ħajja tal-bniedem, li jibqa' jfittex, ifittex, ifittex." Il-Bniedem għandu bżonn xi ħaġa li tagħtih fiduċja fih innifsu u li turih kontra l-ħajja mkissra li jgħix — bla skop, bla tama, u bla sens — għandu jsib fiex jaħli l-enerġija tiegħu.

Fi żmien għaxar snin jew inqas, grupp żgħir ta' nies ikunu fi triqthom lejn Mars. Qabel konna naħsbu li din il-pjaneta għandha xi forma ta' xi ħajja u jista' jkun hemm xi ħaġa intelliġenti. L-aħħar ritratt dwar Mars urewna li konna mqarrqa u l-fantaxjenza li tant ħolqot stejjer dwar din il-pjaneta taret mar-riħ. Issa rridu nsibu dinjiet oħra li jtuna l-avventura li niltaqgħu ma' nies bħalna. Xi professuri diġà ippruvaw jitkixxfu dwar l-eżistenza ta' ċiviltajiet oħra. S'issa għadu ma sar l-ebda kuntatt. Għad irid igħaddi żmien sew qabel ma nibdew nirċievu messaġġi minn dinjiet oħra! Forsi dawn in-nies huma avanzati aktar minna f'dik li hi ċiviltà u lilna jistgħu juruna invenzjonijiet li aħna qatt ma ħlomna bihom. Għall-anqas hekk ipinġihom H.G. Wells fil-ktieb tiegħu "The War of the Worlds" fejn nies minn Mars jeqirdu Londra imma aħna nitilfu ċ-ċans li nitgħallmu minnhom.

L-ivvjaġġar fl-ispazju żgur li ser jikber sew. Uliedna jew ulied uliedna jkollhom il-mezzi kollha biex iżuru tnejn jew tliet pjaneti matul ħajjithom. Arahom telqin lejn xi "lift off" centre, ixejrulna malajr u f'kemm ili ngħidlek imorru jaraw film fuq waħda mis-swali tat-talkies ta' fuq il-qamar; minn hemm, b'veloċità inqas, għax il-gravità tal-qamar hija wieħed minn sitta dik tad-dinja, imorru jduru l-komunitajiet ta' xi pjaneta oħra. Trasport mid-dinja għad-diversi pajjiżi għandu jkun first b'ħafna kumpaniji pika waħda min joffri l-aħjar u l-aqwa servizz. Kultant nibdew naqraw dwar disgrazzji spazjali u l-gazzetti jibdew jimlew l-ewwel faċċati tagħhom b'rapporti kif saru bir-ritratti b'kollox.

Bil-ftit, il-ftit, ir-riżorsi tad-dinja ser jinħlew u jkollna nibdew inġibu materja prima mill-ispazju. Uffiċjali tad-dwana bil-fors iridu jaħdmu aktar minn qatt qabel minħabba l-kuntrabandu li ma tmurx l-ekonomija tad-dinja tmur lura flok 'il quddiem. Mur aqlagħna minn kriżi bħal dik!

Forsi jkun hawn avvenimenti sportivi bejn dinja u oħra. Ma nibqgħux nitkellmu dwar "World Cup" imma malajr insejħulha "Interplanetary Cup" jew "It-Tazza ta' l-Univers." Ikun hemm tlielaq bejn rocket u ieħor min jasal l-ewwel f'dinja oħra u min ser iżomm ir-record. Imbagħad hemm il-muntanji ta' Venus u Jupiter li jħajru 'l min iħobb jixxabbat jittanta jilħaq l-aktar quċċati għoljin. Fuq ir-radio

tkun tista' tisma' partita li qed tintlagħab f'Saturn, programm ta' diski minn Uranus, u l-aħbarijiet, min jaf b'liema lingwa, ta' Pluto. Ikun hemm servizz tal-posta, tat-telefon u tat-telegrafu biex inkunu nistgħu naqbdu ma' l-emigranti li jkunu jiġu minna mill-qrib. Ġurnalisti magħrufa jittajru 'l bogħod mid-dinja ħa jibdew joħorġu gazzetti għan-nies t'hemm fuq.

Ta' min jipprova jaħseb x'effetti ser ikun hemm fuq il-proża u l-poeżija, l-arti u l-filosofija. Diffiċli tgħid, għax xi problemi ser jinħolqu għadna ma' nafux. L-anqas ma tista' tpinġi kwadru ta' kif ser tkun is-soċjetà ħlief li forsi tkun aktar miġnuna minn tal-lum.

Dak il-pass ta' Armstrong li mhux ħlief pass ta' tarbija għadha kif titlaq timxi għad irid isir akbar minn dak tal-ġgant Gulija. Tgħid ikun għall-aħjar tal-bniedem jew għall-agħar? Il-bniedem irid jibqa' jfittex, u donnu li ma' l-avventura spazjali qed jorbot il-possibiltà li jsolvi l-kriżi ta' identità li għaddej minnu. Tgħid ser ikun resaq xi ftit aktar lejn is-soluzzjoni wara li jagħmel passejn mdaqqsin sew?

---

# XRAR

**Ta' J. P. Vassallo**

Għal għaxar snin kont ommi,
    Għal għaxar snin missieri,
Għal erbgħin sena marti,
    Ħames snin sinċieri.
Għadda maħrub iż-żmien:
    Għal ħames snin kont JIEN

* * *

Kien twajjeb, miet miskin u kiseb il-mistrieħ.
Il-kelba għadha tnewwaħ: ħaddieħor ġa insieħ.

* * *

Tisma' bil-qiegħda l-priedka — kollha għajnejn, widnejn,
It-tieba tagħha ddawwal fejn ma tifhem xejn.

* * *

Mqajjem: xidja, mqit, misħut, sabi ħażin.
Rieqed: b'rasu fuq driegħu donnu anġlu fin

* * *

Kien sid qalil u ħadd ma sata' bih.
Mejjet jinsab: ma nafx min sab mistrieħ

* * *

Bla ħerqa jħarsu ż-żgħażagħ, ħadd ma jagħti kas,
Ħadd ma jkemmex xofftu u ħadd ma jċaqlaq ras
Jaqilbu l-għajn il-kbar, joħorġu l-kundanna:
Insew ix-xjuħ il-ġnien, l-għadira u Susanna.

# IL-LUM

**Ta' Dwardu Zarb**

Meta dħalt ġo librerija pubblika fil-Kanada u hawn sibt kotba tal-letteratura Maltija.

Bl-imħabba għall-ilsien Malti
Ħassejt qalbi mimlija
X'ħin hawn, f'din l-art imbiegħda,
Kont dħalt ġo librerija.

Hawnhekk, eluf ta' mili
'Il bogħod minn art twelidi,
Sibt kotba b'ilsien arti,
Ilsien li nqisu ġidi.

Hawnhekk sibt l-ilsien Malti
Ħdejn dak tal-Ġappuniżi.
Taljani, Lhud, Spanjoli.
Franċiżi w Ungeriżi.

Għax ħuti, il-kitba tibqa'
U tasal fl-ibgħad art.
Li nsib kotba tal-Malti
F'din l-art qatt f'għomri bsart? . . .

Il-lum ilsienna ħlejju
Mirqum, ma jlumu ħadd:
Għandna letteratura
Magħrufa w ma tmut qatt.

Għalhekk mill-ġnus tad-dinja
Ilsienna hu studjat.
Kemm juri min imaqdru
Li medhi fil-frugħat!

**Toronto**

# L-IMĦABBA

Ma għaraftekx
mill-ewwel darba
It-tieni darba, iva.

Għidli
jekk l-arja tgħidulekx.
Kienet għodwa kiesħa
u jien kont veru mdejjaq,
iżda f'daqqa waħda
ħassejt xewqat ta' daħk.
Ma għaraftekx.
Iżda inti għaraftni
u jien għaraftek
u inti ma għaraftnix.
Issa għadda bejnietna
xahar, li kien silġ bla ħajja,
bħal siparju ta' ġranet griżi.

L-ewwel darba
tassew
li ma għaraftekx
It-tieni darba, iva.

# APOKALISSI

**Ta' Carmel Calleja**

U rajt ix-xemx u l-qamar
jiżżeffnu,
jitfarrku,
u jduru,
ġo rxiex ta' kwiekeb,
li ħeġġu,
li ħammru
ġo forġa ta' nirien.

...... U ħolqu dehra
ta' waħx, ta' kobor,
t'Apokalissi.

# IŻ-ŻMIEN GĦADDEJ

Ta' Alfred Massa

Iż-żmien bħal wied ħabrieki
Dejjem għaddej w iġorr li jsib quddiemu.
Ifejjaq ġrieħi,
Fil-waqt li oħra jiftaħ.
Niket u ferħ, it-tnejn ma jafx x'inhuma.
W hu dejjem sejjer,
Dejjem rebbieħ,
Għaddej! ......

Mixruf fit-tieqa għaddejt waħdi żmien twil
Ngħarrex madwari.
It-tokki tqal mill-kampnar fil-qrib ħasduni.
Jiena ħarsti tfajt fuq maqdes qadim ħafna
Li dlonk fakkarni f'tant uċuh ferrieħa
Li raddew ħajr lis-Sema
Għaż-żieda fil-familja.

L-istess maqdes fid-dalma tal-jum
Fakkarni f'uċuh oħra,
Uċuh imnikkta, b'għajnejn maħsula
Bi dmugħ sħun li ġelben
U qattar minn ħaddejn
Daqs il-lellux musfara.
Qlub mifnija għat-telfa,
Jew għal ta' ġewwa l-firda.

U ż-żmien igerbeb! . . . .
Jgħaddi maħrub, itir bla ħadd ma jżommu.
Iqaċċat, jidfen, għajjur
Għalih innifsu.
Għadu tal-għani, tal-ħakkiem wisq iżjed,
Wens għall-imnikket,
Għall-fqir it-tama.
W hu rasu 'l fuq, la jisma' w anqas jara
Dejjem rebbieħ,
Dejjem għaddej! ......
Għaddej! ......

# REĊENSJONIJIET

**TNEMNIM.** Gabra ta' Versi minn Karmenu Vassallo. Empire Press. — 1970.

**TNEMNIM** huwa l-ktieb fost ix-xogħlijiet l-oħra kollha ta' K. Vassallo li fih il-poeta jagħti xbieha ħajja tiegħu nnifsu. Fil-kotba l-oħra għandna l-waqtiet li xegħlu issa l-moħħ, issa l-qalb, jew it-tnejn flimkien tal-poeta; f'dan il-ktieb niltaqgħu ma' Vassallo l-bniedem, bil-persunalità tiegħu misjura biż-żmien u bil-kotra tal-esperjenzi mqalbba li għadda minnhom tul ħajtu.

Din il-persunalità tidher fuq kollox u qabel kollox, bħala persunalità filosofika. Il-qilla għebet, imma l-ħsieb huwa iktar "għarriexi" milli qatt kien qabel. Il-fehmiet li jfisser huma fehmiet li ma tistax twarrabhom għax iwassluk malajr għall-veritajiet eterni li, jekk inti sinċier bħalu, ma tistax tfittex li taħrabhom. Minn dan il-ktieb huwa ċar kemm arralhom dawk li f'xi żmien kienu ħasbu, u bil-kemm il-ħsieb ma għamluhx fatta, li Vassallo kien ser ikun il-poeta ereżjarka malti, kif Dun Karm kien il-poeta kattoliku **par excellence.** Fil-fatt hawnhekk jidher li Vassallo huwa poeta ortodoss għal kollox u 'l quddiem, jista' jkun li l-qarrejja jibdew iħarsu lejn dan il-ktieb bħala Ktieb il-Fidi ta' K. Vassallo.

Hawnhekk jolqtuk ir-riflessjonijiet tal-bniedem kolt, matur, imġarrab f'ħafna oqsma tal-ħajja fuq il-ġrajjiet nazzjonali ta' żmenijietu u żmenijietna, tal-bidla tad-drawwiet maltija tul l-aħħar ħamsin sena. Dawn iwassluh għal kritika ħarxa tal-poplu tagħna u drawwietu. Tista' tgħid li kollox — barra l-ilsien malti — xi ftit jew wisq iweġġgħu u jgħaddi mill-għarbiel irqiq taċ-ċensura tiegħu.

Imma mbagħad daqskemm ħsebnieh qalil u jagħti ħartiet fl-imgħoddi jidher li jaf ikun ħelu u taż-żiżi fejn irid, u kemm jaf igħaddik minn għajn il-labra u kultant iġiegħlek tidħak bik innifsek bis-sarkażmu u bl-ironija tiegħu li ġie li jinqdew bi xfafar fini ta' qilla mriegħda, kif ngħidu aħna ma jidhrux fil-poeżiji umoristiċi ta' Anton Buttigieg — poeżiji ta' kritika iktar vasta u ċajtiera **ex professo.**

Mistoqsija li għamilt lili nnifsi waqt il-qari ta' dan il-ktieb kienet: Vassallo: kemm hu poeta? It-tweġiba li wasalt għaliha bla tlaqliq kienet din: Huwa poeta daqskemm għandu l-ħila mill-filosofija jagħsar il-qalba tas-suġġett u jolqot ix-xrar tal-emozzjonijiet fil-moħħ u l-qalb tal-qarrej b'mod li jżomm djalogu mar-riflessjonijiet tal-qarrej tiegħu. Ngħid għalija jkolli nistqarr li dan id-djalogu żammu tista' tgħid il-ħin kollu u mhux darba jew tnejn xegħelli tbissima fuq xofftejja u ġegħelni nistqarr "tabilħaqq hekk hu!" u "tajjeb qiegħed igħid!" "**encore!**"

Kelma dwar il-forma tal-poeżiji ta' dan il-ktieb: Il-forma għadha l-forma tradizzjonali li nassoċjaw miegħu, iżda b'differenza li nagħmlu tajjeb ninnotaw għax turi kemm il-poeta tradizzjonali malti wasal biex jiċċaqlaq mill-"presa di posizione" tiegħu jista' jkun taħt id-daqqiet tal-kritika li saret dan l-aħħar minn kullimkien fuq il-metrika tas-Seklu XIX. Fost ħwejjeġ oħra innotajt li

fil-waqt li l-metrika għadha l-metrika tal-għadd tas-sillabi u aċċenti ritmiċi, il-poeta ħafna drabi nħall mir-rima, ukoll fi stanzi kwartini li dari l-anqas biss ma kien igħaddi l-ħsieb mir-ras li ser jitfaċċaw mingħajr rima u l-poeta matur inqata' ħafna drabi mill-ħsieb magħluq fil-vers li jdoqq mimli fil-widna, bħal speċi "Arawni, għedtha u sabiħ!" Il-metrika tiegħu hija iktar maħlula wkoll fi stanzi għal kollox tradizzjonali, u l-'enjambment' huwa l-karatteristika ewlenija tat-tifsir tal-ħsieb tiegħu minn vers għal vers u minn stanza għal oħra. Dan ukoll fejn il-poeta jinqeda bil-kwartini u iktar u iktar imbagħad f'dawk il-poeżiji fejn jinqeda bil-vers maħlul bħal fil-gawnra LIL DUN MIKIEL XERRI li waħidha 'tammonta għal **tour de force** ta' filosofija, kronaka, tifwir ta' qalb muġugħa u kritika l-aktar ħarxa tal-poplu malti, f'daqqa waħda.

B'danakollu fil-fehma tiegħi jidher li jekk TNEMNIM huwa iktar filosofiku, huwa bil-wisq inqas liriku u poetiku minn NIRIEN, imma fl-istess ħin juri bla dubju kemm il-poeta kien qiegħed jesaġera meta kiteb "Bħala kittieb ta' versi mitt diġà" fl-għeluq tad-daħla tassew interessanti u fil-wisa' kollu li kiteb għal dan il-ktieb. Le ħabib, il-poeta għadu ħaj u sakemm hemm il-ħajja tista' tgħid x'jista' jiġri?

w.p.g.

### 'FL-ARENA' TA' ANTON BUTTIGIEG. Il-Ħames Damma ta' Poeżiji Liriċi.

In-nixxiegħa li minnha Anton Buttigieg qed jislet l-ispirazzjoni tal-poeżija donnha ma tieqaf qatt. Hi nixxiegħa ta' ilma ċar u nadif, ilma li billi milqut minn dwal kull kulur qed jirrifletti ħafna lwien imżewqa. Hekk mill-poeżija tan-natura li tana f' "Il-Gallerija ta' Żgħużiti" u "Fanali bil-Lejl", bħalma wkoll f'"Qasba mar-Riħ" qaleb għall-epigrammi fiż-żewġ kotba "Ejjew Nidħku Ftit" u "Ejjew Nidħku Ftit Ieħor", u minn hemm imbagħad għall-Musa bil-Kimono, stil ta' versi li qablu ħadd ma kien għadu ittrattah fil-Malti. Issa għandna ktieb ieħor ta' poeżiji "Fl-Arena".

Għalkemm uħud mill-poeżiji f'dan il-ktieb huma ispirati mill-attivitajiet tiegħu fil-kamp soċjali u politiku, b'danakollu l-passjoni tal-politika ma ddardar b'ebda mod l-ideat u s-sentimenti li jesprimi l-poeta fil-versi tiegħu. Għax f'dawn il-poeżiji tiegħu A. Buttigieg m'għandu l-ħsieb jagħmel ebda kampanja politika. Bħala poeta, hu jrid iżomm ruħu f'livell 'il fuq mill-politika, għax jaf li b'hekk biss jikteb poeżija tassew, il-poeżija tal-qalb, il-poeżija li toħroġ safja mir-ruħ.

Il-ktieb fih erba' taqsimiet, prologu u epilogu. Il-prologu jiġbor fih il-ġrajja tal-ħajjat u l-baruni li, imdejjaq mill-għana li ta' sikwit kien igħanni l-ħajjat waqt li jkun qed iħit, offrielu l-flus biex jieqaf darba għal dejjem minn dak il-għana; il-ħajjat għelbitu r-regħba, imma wara sab li mingħajr il-għana jaqa' fi swied il-qalb kbir u ma setax igħix mingħajr il-poeżija. Reġġa' l-flus

lura lill-baruni, u kompla bil-għana tiegħu waqt ix-xogħol. Xinhi t-tagħlima li nieħdu minn din il-ġrajja? Xinhu l-messaġġ? ...... Illi l-flus ma jagħmlux lill-bniedem kuntent. Il-bniedem igħix fil-hena meta jimxi fuq dak li tiddettalu qalbu. Hekk il-poeta jagħlaq din il-poeżija b'dawn il-versi li jgelglu minn vina poetika tabilħaqq friska u ċara·

Għanni, għanni, ħajjat, għanni
waqt il-ħidma ta' tbatija;
x'tiswa l-ħidma, x'tiswa l-ħajja
mingħajr ftit tal-poeżija?

L-ewwel Taqsima l-poeta jsejħilha "Il-Għanja ta' Ħajti". Minn din it-taqsima naraw ċar illi l-poeta għandu fih, biex ingħid hekk, apparat sensitiv ħafna li jaqbad dak li jħoss u li jara. Din is-sensitività tinħass l-iktar fl-imħabba reliġjuża u patrijottika li tispira l-biċċa l-kbira tal-poeżiji f'din it-taqsima. Il-qalb tajba, sinċiera tal-poeta tirrifletti ruħha fi ftit versi "Quddiem kwadru ta' pittura Olandiża", ftit versi tabilħaqq imma kemm jiġbru fihom kobor u profondità ta' sentimenti! Fihom il-poeta jiftaħ beraħ qalbu, dik il-qalb li fuq l-altar tas-sagrifiċċju trid ixxerred demmha għall-imħabba u r-rispett ta' min hu ċkejken u fqir. Ser nirriproduċi dil-poeżija sħiħa kif inhi biex wieħed jinnota kif bi ftit kliem fi ftit versi sempliċi Buttigieg tana poeżija f'riflessjonijiet kbar:

Mulejja,
bħal taħħan tajjeb,
dawwarni dejjem
għar-riħ tal-grazzja tiegħek,
ħalli nitħan
il-qamħ,
u nrejjaq
lill-fqar
u 'l kull min hu bil-ġuħ;
żejjinni, Mulejja,
bis-sura
tal-mitħna twajba:
salib bejn l-art u s-sema.

It-taqlib u t-tibdil li Malta għaddiet minnu f'dawn l-aħħar snin bħalma wkoll l-inkwiet u s-sagrifiċċji li ġarrab il-poeta nnifsu, sabu l-eku tagħhom f'uħud mill-poeżiji f'din it-taqsima bħalma huma "L-Għanja ta' l-Imtarraf" u "It-Tallab", "Ben Hur" u "Santa Giovanna d'Arco". In-nota awtobijografika tinħass fil-versi 'Id-Dawl ta' Qalbi' fejn il-poeta jara d-dwal ta' ħajtu jintfew kollha; l-hena taż-żwieġ, il-ġabra tad-dar, is-saħħa, kollha spiċċaw, biss il-poeta jitlob lil Alla jħalli jixgħel fih id-dawl tas-sabar, tat-tama, tal-maħfra u ta' l-

imħabba biex, bħal musbieħ il-lejl, jibqa' jixgħel fid-dlam tal-lejl.

L-imħabba tal-familja tinħass fil-poeżiji li kiteb lil missieru qabel u wara l-mewt; u l-qalb safja tal-poeta, il-qalb tal-bniedem li għalkemm kiber ħafna fis-snin baqgħet xorta waħda l-qalb ta' tifel ċkejken, innoċenti, narawha fil-poeżija 'Meta n-Nannu mar tax-Xjuħ'', poeżija mimlija b'sentimenti hekk delikati li int u taqraha tislitlek minn għajnejk demgħa ta' niket u dispjaċir.

Poeżija tajba għalija qisha biċċa djamant, sabiħa u iebsa għax tiflaħ għall-elementi ħorox taż-Żmien li jgħaddi minn fuqha. X'hawn li għandu ħajja twila ħafna? Is-siġar tal-ballut, tempji tar-rħam, kastelli antiki? Il-poeżija tajba tgħix wisq aktar minnhom, għax igħaddu s-snin it-twal u dik il-poeżija bħad-djamant tibqa' ċara u ġdida dejjem. Hekk għalija bħal biċċa djamant inqis il-poeżija ''G. l-Ort taż-Żebbuġ''. Wieħed jista' jara, biex ingħid hekk, kemm ileqqu dawn il-versi bil-forza ta' l-ispirazzjoni li fihom:

Mulejja,
jekk ħaġa tista' tkun,
biegħed il-kalċi ta' l-imrar
minn Malta tagħna!
Jekk trid li wieħed imut għall-poplu,
Mulej,
jien lest!

Fit-tieni Taqsima l-poeta jagħtina ''Il-Għanja tan-Natura''. Miniex ser noqgħod insemmi, għax dan kulħadd jafu, li A. Buttigieg hu magħruf fostna bħala l-poeta tan-natura. Dan jien ġa wrejtu fi studji oħra li għamilt qabel, u bħali għamlu kittieba oħra. Biss ma nistax ma nsemmix hawnhekk ukoll kif Buttigieg jagħraf iħaddem l-immaġinazzjoni tiegħu l-ħin kollu fuq il-misteri u s-seħer tan-natura, sa fuq l-iċken insett. Ir-rożinjol, il-bilbla, il-farfett, il-bagħal, is-sangisug, il-kotba: dawn kollha jixegħlu l-ħsieb tal-poeta. Għax in-natura, kif ħallielna miktub Bernarċin de Saint-Pierre fl-istudji tiegħu, hi kbira fi ħwejjeġ kbar, imma hi wisq akbar fl-oġġetti ż-żgħar. U sewwa sew dan li jien ninnota fil-poeżija ta' Buttigieg: hu jikteb fuq ħwejjeġ żgħar tan-natura biex juri l-kobor tagħhom. Tispirah in-nagħġa li m'għandhiex il-qrun ta' barri u lanqas is-snien ta' lupu; tispirah il-ħuta mlewna ta' l-ilma ħelu, u d-dulliegħa, u l-papuċa f'Tal-Pjeta'.

Mingħajr ebda dubju, in-Natura hi l-akbar ispiratriċi ta' Buttigieg. Kif omm twajba tgħallem lil binha ċkejken, hekk in-Natura tiftaħ beraħ qalbha mal-poeta u tgħallmu fuq il-misteri kollha tagħha. U hekk naraw il-poeta, imsaħħar, ifissrilna f'poeżiji dawk il-misteri li fihom jara l-Id setgħana u infinita ta' Alla. Hekk, l-istess ħaġa, igħidilna Harvey: **Nature is a volume of which God is the author.**

It-tielet Taqsima hi msawra minn epigrammi u poeżiji umoristiċi. Fuq din

ix-xorta ta' versi jien ġa ktibt fit-tul darbtejn oħra meta A. Buttigieg ħareġ iż-żewġ kotba tiegħu ta' epigrammi "Ejjew Nidħku Ftit" u "Ejjew Nidħku Ftit Ieħor". Fl-epigramm jaħdmu ħafna l-ironija u s-sarkażmu; mingħajrhom l-epigramm jitlef il-forza tiegħu. L-immaġinazzjoni tal-poeta timraħ fuq mitt suġġett u iżjed, imma l-aktar fuq id-dgħufija u l-frugħa tal-mara. Insemmi żewġ eżempji li fihom x'wieħed itiegħem:

Meme' għalqet sittax u bdiet tiġġerra,
timraħ b'karozza ma' kull min isuq;
iżda għalkemm kull m'għamlet sar fil-beraħ,
il-Qorti riedet taf bil-bieb magħluq.

U dan l-epigramm l-ieħor fuq Adam u Eva fl-ewwel ġlieda tagħhom:

— Tara x'għamiltli l-lum! tara fiex ġibtni!
Ridt issir alla! X'għira u xi kburija!
— U int mort kxiftni wkoll! Għidtlu li qtajtha,
li kilt u tajtek tiekol! Xi rġulija!

Ir-raba' Taqsima tittratta fuq poeżiji varji, minn il-Gawwija ispirata minn "The Seagull" ta' Chekov sal-fjuri ta' l-ajrudrom, mis-sirena sal-plattina ta' l-irmied. Xi ħsibijiet tnissel f'moħħ il-poeta din id-daqsxejn ta' plattina mimlija rmied? Araw b'liema mod u b'liema qawwa taħdem l-immaġinazzjoni! Il-ħsieb tal-poeta quddiem din il-plattina kollha rmied jiġri fuq Hiroshima u jara li sky-scrapers isiru rmied. Bħas-sigaretti, igħidilna l-poeta, iċ-ċiviltajiet twieldu u nħarqu b'narhom.

Hemm wisq u wisq x'wieħed igħid fuq kull poeżija ta' din it-taqsima imma l-wisa' ma jippermettilniex. Wieħed irid jaqrahom waħda waħda u jtiegħem il-benna, il-ħlewwa, it-tjieba, il-ferħ li jafu jnisslu f'ruħ il-qarrej dawn il-poeżiji: hekk il-qarrej isir aktar sensitiv għall-ħajja u jifhem aħjar id-dinja b'dak kollu li tagħti, bit-taqlib li ġġib magħha mill-ferħ għad-dwejjaq, mid-dawl għad-dlam, mill-abjad għall-iswed, kif igħidilna fi sturnell tiegħu l-poeta:

Fjur tal-ħarifa,
fittixtek, ma sibtekx, sibt biss xi tfiefa;
warrabt il-fjur t'April; oh! kemm kont ġifa.

Fl-Epilogu hemm miġbur il-paradoss tal-bniedem li jagħti ħajr u ġieħ lil min ma jistħoqqlux u jiskandalizza ruħu mill-qdusija tat-tajbin u jsallabhom f'ħajjithom.

Kif għidt fil-bidu, in-nixxiegħa tal-poeżija ta' Buttigieg ma tieqaf qatt. Il-poeta jgħaddi mit-tiġrib kollu li tista' tagħtih il-ħajja — tbatija, niket, indif-

ferenza, mewt — imma minn dak it-tiġrib hu jagħsar il-poeżija vera, il-poeżija tajba. Ukoll fit-tbatija hu jkun sodisfatt. Tant ikun sodisfatt illi wkoll f'età li fiha n-nies jirtiraw mix-xogħol u jfittxu l-mistrieħ, hu jibqa' jikteb il-poeżija, hu jibqa' jaħdem kemm jiflaħ donnu jrid jagħsar minn qalbu qabel ma jmut sa l-aħħar qatra poeżija. Fi kliem Buttigieg stess ingħid:

X'tiswa l-ħidma, x'tiswa l-ħajja
mingħajr ftit tal poeżija?

**ĠUŻE' CHETCUTI**

---

**RIMI ĠDID. Ktieb ta' Poeżiji ta' J. P. Vassallo.**

Il-poeta, igħaddu kemm igħaddu snin minn fuqu, jibqa' mimli bl-enerġija u s-saħħa ta' żgħużitu. Moħħu u ruħu jibqgħu ħajjin. Mument ta' ispirazzjoni jikxef għalih esperjenza ta' ħajja sħiħa. Dan nistgħu ngħiduh għal J. P. Vassallo li għadu kemm tana l-ktieb tal-poeżiji "Rimi Ġdid" wara l-ktieb l-ieħor li ħareġ ftit ilu "Weraq tal-Ħarifa". Il-biċċa l-kbira tal-poeżiji li nsibu f'dan il-ktieb huma l-frott ta' ħajja mill-aktar attiva, ta' ħajja li rat sew l-abjad kemm l-iswed li taf tagħti d-dinja. Għalhekk huma poeżiji ta' esperjenza u ta' maturità. Nieħdu n-notturn "Bejni u bejn Ruħi" li, fil-fehma tiegħi, hi l-isbaħ u l-aħjar waħda f'dan il-ktieb u li tista' faċilment titqiegħed fost il-poeżiji tajbin u sbieħ li għandna fl-ilsien Malti minħabba s-sentimenti li fiha, ix-xbihat li jolqtu, il-kwadri tal-ħajja li tqegħedlek quddiemek, ir-ruħ li tħossha trid tisplodi taħt il-għafsa ta' l-uġigħ u tat-tiġrib, u l-forza letterarja li tiġri minn strofa għal oħra, minn vers għal ieħor.

Mill-ewwel strofa l-poeta jurina metaforikament kif qed jara lilu nnifsu l-lum:

Riesaq il-lejl — maż-żiffa
Tissieħeb issa r-reżħa,
Tinżel ix-xemx fil-baħar
U tħalli dlam u kesħa.

Il-versi, kull vers u kull kelma, tħoss fihom il-mużika tar-ruħ, l-espressjoni ta' moħħ li qed jara ċar quddiemu għaddejjin il-ġrajjiet imqallba ta' ħajja mħabbta li tinsab qrib egħluqha. "Kull frotta għandha sigħetha," igħidilna l-poeta, "kull bniedem għandu ħinu." Verità u immaġinazzjoni, sodisfazzjon u qtigħ ta' qalb, imħabba u niket jinsabu mwaħħdin f'din il-poeżija b'sengħa tabilħaqq artistika, u meta nagħsru kull ħsieb u kull sentiment naraw li l-ħajja tiegħu l-poeta iddedikaha biex jilħaq ideal, li hu l-ideal ta' l-imħabba, l-imħabba vera li fl-aħħar mill-aħħar tingħabar u tissublima ruħha f'Alla li hu kollox u f'kollox:

L-imħabba, biss l-imħabba
  Tagħti siwi lill-ħajja,
Biha kollox deheb,
  Mingħajrha trab tal-plajja.

Din il-poeżija trid kieku studju għaliha biss, għax hemm wisq xi ttiegħem u x'tanalizza fiha, imma jkollna nieqfu hawn biex nitkellmu fuq poeżiji oħra, l-ewwel waħda "Ballata Sewda", li taqla' l-kruha u l-qżież tal-ħajja. Il-poeta jħares madwaru u ma jarax ħlief ħażen u korruzzjoni li jfakkruh fil-għajb ta' Sodoma u Gomorra. Hemm "fejn ma ddakkarx l-Imħabba" jibqa' battal, midfun fid-dlam. Hekk igħidilna l-poeta f'dawn il-versi mill-aktar ebsin fuq il-ħażen bla tarf tal-bniedem, il-ħażen li qed iherri l-qalb ta' l-umanità u jċaqlaq mis-sisien tagħhom il-plieri sħaħ tas-soċjetà:

Ma kienx il-ġuf benniena
Ta' mħabba u ta' mogħdrija,
Iżda maqjel jinten
U ksiħ ta' biċċerija.

Regħba, mibegħda, irkatt, qerq, drogi, intiena, tjun u dlam qed ikeffnu l-lum il-qalb tal-bniedem u, fi kliem il-poeta, la rġiel u lanqas nisa ma jridu jafu b'rażna. Il-fqar u t-twajbin qed isofru. Dan hu l-kwadru oskur tal-ħajja tal-lum, kwadru li b'xi mod ipinġihulna wkoll fil-poeżija "Għanja" fil-versi meta jgħidilna illi "jħallas għall-oħrajn min qatt ma ħassu ħati". Imma dan is-sens ta' ħajja hekk kerha u sewda nħossuh jittaffa b'sens qawwi ta' ottimiżmu spiritwali fil-poeżija "Chrysalis".

U nsib fl-imrar ta' qalbi
  Dak li jien ħsibt mitluf,
Fil-ksieħ mudlam tal-qabar
  It-tama nsib tal-ġuf.

Naraw ukoll kif il-poeta jistudja l-karattru tal-bniedem. Fil-poeżija "Ballata tal-Platt u d-Demgħa" l-poeta jqiegħed quddiemna l-karattri ta' omm u ta' missier, l-omm li tbati u tibki fis-skiet ta' qalbha u l-missier li ma jridx jaf bil-ġabra u r-rabta tal-familja. Sewwa jgħidu illi l-Poeżija tiġbor fiha l-lingwa tas-sentiment. Dan turihulna ċar dil-ballata: fiha nħossu dak is-sentiment fin u delikat li jibqa' tiela' gradatament jagħfaslek lil qalbek sa l-aħħar vers:

"Xejn, orqod, ibni: ġie jarak il-Pa."

Karattru ieħor li l-poeta jqaxxru f'din il-ġabra ta' poeżiji huwa l-karattru ta' l-Ipokrita. L-ipokrita jilgħab mistoħbija "bla ħniena u bla mistħija", id-

awwar il-pinnur skond ir-riħ li jonfoħ, jibki jew jidħak fejn jaqbel, bogħod mis-sinċerità, ħelu ma' min jiqaflu, imqit ma' min iġibu, ħaġa waħda twerwru: il-Mewt.

Dan hu l-kwadru ta' l-ipokrita kif ipinġihulna l-poeta f'versi distiċi b'daqqiet qawwija ta' pinzell b'kuluri oskuri.

Il-frugħa u n-nuqqas ta' għaqal tat-tfajla mtajjra tal-lum insibuhom impittra fil-poeżija "Il-Kelba" f'kuntrast mad-dinjità u t-tjieba li niltaqgħu magħhom f'poeżija oħra "Soru". Il-poeta jidħol fir-ruħ tagħhom it-tnejn u jara x'baħar kbir jifridhom, x'differenza hemm bejniethom fil-mentalità u fl-ambjent u l-atmosfera li jgħixu fiha. Fil-waħda hemm iż-Żina, fl-oħra l-Imħabba. U dawn iż-żewġ kwalitajiet il-poeta jiġborhom u jikkuntrastahom f'poeżija oħra. Hekk igħidilna:

Iż-żina trid biss tieħu,
  L-imħabba trid biss tagħti,
Iż-żina dejjem tgawdi,
  L-imħabba tgawdi u tbati.

Bħad-dawl kiesaħ tal-qamar
  Iż-żina timla u tnin,
Bħax-xemx l-imħabba tisreġ
  U ssaħħaħ lill-bnedmin.

L-element reliġjuż insibuh fil-"Ballata tat-Tliet Slaten", fil-ballata l-oħra "Ballata tat-Tliet Għajtiet" u fil-poeżiji "Marija" u "Id-Dehra". Ir-reliġjon il-poeta jħossha ġo fih kull ħin, kullimkien u għalhekk ħafna drabi wkoll f'poeżija b'suġġett profan jinħass dan l-element direttament jew indirettament. Għall-poeta f'kollox hemm Alla, u fir-rabta ma' Alla u l-kenn ta' mħabbtu dejjem il-paċi. Hekk jagħlaq il-poeżija "Il-Pellegrin" imnebbħa minn statwa fil-kantuniera tal-Liċeo, il-Belt:

Fit-tislit tal-ħajja hemm l-hena
u fir-rieda ta' Alla hemm is-sliem.

Fit-teknika J. P. Vassallo hu tradizzjonalista. Jidħol fl-iskola tal-poeżija romantika. Il-poeżija tiegħu mhijiex ġabra ta' frak ta' ideat diżordinati u ta' ħsebijiet li, magħquda flimkien, ma jagħmlux sens. Mhemmx la kakofonija fil-kelma u lanqas oskurità fil-ħsieb. Il-ħsieb tiegħu hu nadif u ċar bħas-sema diefi, il-kelma sempliċi u mirquma, u l-espressjoni ħafna drabi hi mżejjna bil-ġmiel tal-figura tad-diskors. U figuri tad-diskors hemm kemm trid f'kull poeżija, f'kull strofa tista' tgħid. Bħad-dawl mieles tal-qamar huma jagħtu ġmiel u ħajja lill-idea.

F'kull poeżija hemm idea skolpita li tista' taraha ċar quddiemek. Kull ħjiel hu minsuġ ma' l-ieħor b'mod li jifforma ħaġa waħda sħiħa u kompatta. Il-poeta bħall-iskultur li jagħraf igħaqqad parti ma' oħra sakemm joħroġ opra sħiħa. Wara dawn iż-żewġ kotba "Weraq tal-Ħarifa" u "Rimi Ġdid", tgħid J. P. Vassallo sejjer fil-milja ta' ħajtu jagħtina kotba oħra? Min jaf? Imma jien inħoss li l-poeta, għalkemm jikber fis-snin, ma jixjieħx. Sakemm moħħu u qalbu jibqgħu attivi, hu jibqa' żagħżugħ. Jieqaf il-poeta meta l-moħħ jiddallam u meta teħmed il-qalb. Għalija J. P. Vassallo bħala poeta għad hemm fih l-entużjażmu taż-żgħużija, u għalhekk inħoss li wara "Rimi Ġdid" għad baqgħalna x'naqraw poeżiji oħra minn tiegħu, frott ta' esperjenza ta' ħajja twila u matura, taħlita ta' ħelu u ta' morr, nisġa ta' ħafna lwien li fihom jilma d-dawl li ma jintefiex biż-żmien.

**ĠUŻE' CHETCUTI**

---

**ĠULJU ĊESRI** — Traġedja f'5 Atti ta' William Shakespeare maqluba għall-Malti minn Val. V. Barbara, O.P. — Lux Press 1970 — Paġ. 87.

Isem William Shakespeare illum huwa mifrux mad-dinja kollha. Isem dan id-drammaturgu Ingliż huwa mnaqqax ma' l-aqwa kittieba mid-dinja. Ix-xogħlijiet tiegħu huma fuq fomm kulħadd u ħafna huma dawk li meta jiġi l-waqt ma jonqsux milli jmorru jistgħallu xi produzzjoni ta' wieħed mill-għadd ta' drammi li ħalla wara mewtu. Barra minn hekk, ħadd ma jista' jgħodd l-eluf ta' kotba li ħarġu bix-xogħlijiet tiegħu, l-iżjed meta x-xogħlijiet tiegħu huma studjati mill-istudenti fit-taħriġ tal-letteratura tagħhom, kif ukoll għall-eżamijiet li jkollhom.

Malta minkejja ċ-ċokon tal-Letteratura tagħha (għax ngħiduha aħna ma nistgħux nitqabblu ma' l-Ingilterra u l-Italja għall-benna letterarja, għalkemm ħafna mill-kittieba tagħna qed jagħmlu isem tassew sabiħ lill-gżira), dan l-aħħar semmgħet ukoll leħenha fix-xogħlijiet Shakesperjani. Val. Barbara, isem li diġa ntrabat sfieq mal-Letteratura Maltija, ħareġ it-traduzzjoni sħiħa ta' waħda mill-isbaħ traġedji li qatt inkitbu. Qed ngħidu għall-ġrajja mdemmija ta' Ġulju Ċesri, bniedem li ismu kien biżżejjed biex ikexkex lil kulħadd. Imma Ċesri minkejja li miet u baqgħu biss magħrufa l-ħidmiet u l-ġrajjiet tiegħu, ismu baqa' ħaj fil-Letteratura. Shakespeare sammru mal-Letteratura Ingliża bi dramm-traġedja f'ħames atti, waħda mill-aktar traġedji msemmija ta' dan il-kittieb.

Patri Barbara għamel biċċa xogħol siewja u ta' min ifaħħarha, għax b'hekk il-Maltin kollha jistgħu jgawdu dan ix-xogħol kbir, mingħajr l-iċken tbatija.

It-traduzzjoni Maltija hija fidila ħafna lejn il-verżjoni ta' Shakespeare, għalkemm Barbara mhux dejjem irnexxielu joħloq kliem ta' bixra letterarja għal kollox.

**PAWLU CACHIA**